MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 310/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. James Grech)**
**Vs**
**Charles Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer bhala kandidat ghall-elezzjoni ghal Kunsill Lokali tal-Furjana ta’ sena 2004, naqas li jibghat lill-Kummissarju Elettorali fi zmien sittin (60) jum u cioe’ sat-23 t’Awwissu, 2004, wara l-hrug tar-rizultati tal-Elezzjoni relattiva, rapport tal-ispejjes elettorali tieghu, liema rapport ghandu jkun iffirmat minnu w ghandu jkun fih il-partikolaritajiet imsemmija fit-Tlettax il-Skeda tar-Regolamenti ta’ 1993 dwar l-elezzjonijiet ghal Kunsill Lokali li jinsab fit-Tielet Skeda ma’ art. XV tal-1993 u dan

bi ksur tar-regolament 101(1) ta’ l-istess regolament tal-1993 kif jinsabu fit-tielet skeda ta’ l-Att tal-1993.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Lulju, 2009, li biha, lliberat lill-appellat stante nuqqas ta’ provi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w previa s-smiegh tal-provi, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe’ li l-Ewwel Qorti cahdet lill-prosekuzzjoni minn xhud essenzjali w dan minkejja li setghet facilment tipposponi l-kaz jew tiddifferixxi . Illi l-prosekuzzjoni ma kellha ebda htija lid an ix-xhud kien qed jixhed x’ imkien iehior. Ir-raguni indkata fil-verbal a fol. 9 tal-process giet kompletament injorata mill-Qorti u b’ dan il-mod il-prosekuzzjoni giet imcahhda milli tressaq xhud indispensabbli . F’ dawn ic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti qatt ma kellha tghaddi ghas-sentenza.

Semghet it-trattazzjoni dwar dan l-aggravju.

Ikkonsidrat;

Illi din il-kawza fuq ksur tar-regolamenti w l-ligijiet tal-elezzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Floriana kaxkret fuq seba’ udjenzi sakemm giet deciza. L-ewwel udjenza tas-16 t’ April 2007, (Fol. 2), thassret ghax il-Magistrat kien imsiefer. It-tieni wahda tas-17 ta’ Lulju, 2007 thassret ghax il-Magistrat kien impenjat fuq xoghol iehor f’ Ghawdex (fol. 3). Fl-20 ta’ Novembru, 2007, l-imputat appellat ma deherx ghalkemm deher l-ispettur (fol. 4). Fl-1 t’ April 2008 il-kawza giet differita b’ ordni tal-Qorti (fol. 5). Fit-22 ta’ Lulju, 2008, l-imputat ma deherx u deher ir-

rapprezentant tal-Ufficcju Elettorali (Fol. 6). Fit-12 ta' Jannar, 2009 l-imputat ma deherx u l-Ewwel Qorti ordnat il-hrug ta' mandat t' akkompanjament kontra tieghu (Fol. 7). Fl-ahhar, meta fl-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2009, l-appellat deher quddiem l-Ewwel Qorti, gie verbalizzat hekk a fol. 9 tal-process:-

*"Meta ssejjhet il-kawza deher l-imputat. L-Avukat Gianluca Caruana Curran debitament jassistieh. Ghall-prosekuzzjoni l-Ispettur J. Grech kien prezenti. Rapprezentant tal-Kummissjoni Elettorali imsejjah diversi drabi ma deherx. L-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti li x-xhud hu maqbud f' awla ohra.*
*Il-Qorti tosserva li din hi kawza sommarja.*
*Ma gietx esebita riferta pozittiva.*
*Fin-nuqqas ta' provi liberat.*
*Kawza deciza."*

Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti mmotivat id-decizjoni taghha b' dan il-mod testwalment:-

*"Li b' verbal dettat illum stess l-prosekuzzjoni naqset li tipproduci x-xhieda in sostenn tal-akkuza u naqset li tesebixxi xi riferta (kemm posittiva jew le) ghal fatt li ebda xhieda ma gew prodotti.*

*"Fic-cirkostanzi tillibera lill-akkuzat stante nuqqas ta' provi."*

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja il-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t'incident fis-sentenza taghha "**Il-Pulizija vs. Clive Debono**" [14.9.2004] fejn saret ukoll riferenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: "**Il-Pulizija vs. Mario Saliba** [15.10.1982];; "**Il-Pulizija vs. Mario Magri"** [28.5.1993]; "**Il-Pulizija vs. Francis Callus**" [30.9.1993]; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zarb"** [22.10.1993]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et**." [3.12.1993] u **"l-Pulizija vs. Francis Borg."** [10.12.1993].

*Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri"** [5.1.1996], li, ladarba ix-xhud ikun debitament notifikat u **sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih**,* (emfasi ta' din il-Qorti) *il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**" [25.7.1994] u ohrajn ).*

Hu minnu wkoll li l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe' il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap.9, l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Pierre Schembri"** [8.1.1996] u ohrajn.)

Illi f'dan il-kaz, mil-verbal tas-seduta in kwistjoni jirrizulta li l-Prosekuzzjoni indikat li kellha xhud ewlieni w li dan ma setax jattendi minnhabba li kien maqbud f' Awla ohra .

Illi hu ovvju li tali dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur ma timportax rinunzja da parti tal-prosekuzzjoni ghall-produzzjoni tax-xhud minnha ndikat li baqa' ma deherx

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, l-inqas li setghet taghmel l-Ewwel Qorti – konsidrat il-fatt li minn sebgha seduti tlitt udjenzi kienu gew differiti b' ordni tal-Qorti w t-tlieta ohra ghax l-imputat innifsu ma deherx, kien zgur il-kaz li l-Ewwel Qorti tipposponi l-kawza sakemm l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni, li kien prezenti f' seduti precedenti meta ma deherx l-appellat, jigi minn awla ohra jew tiddifferiha ghal data ohra w, okkorrendo, tiehu provvediment kontra x-xhud, jekk forsi hasset li dan ma kellux raguni valida biex ma jidhirx quddiem il-Qorti.

Din il-Qorti ghalhekk qed tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali w tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame,* qed tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tigi deciza mill-gdid wara li jixhed ix-xhud tal-prosekuzzjoni w okkorrendo x-xhieda tad-difiza jekk ikun il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------